# Is-Sliem

Awissu 2008

Nru. 227



**Knisja Arċipretali ta' San Filep ta' Agira, Ħaż-Żebbuġ**

Tel. Uffiċċju: 21460800
Mob: 79729252
Tel. Dar: 21465586
Uffiċċju Parrokkjali:
"Villa San Filep",
Triq il-Kbira,
Ħaż-Żebbuġ ŻBĠ 1307




*"Aqta' l-Quddies... u ftit ftit tirrealizza li anke l-Fidi tiegħek bidet tidbiel!..."*

*Messaġġ ta' l-Arċipriet:*

## Bilfors Trid Tmur il-Quddies Biex Ikollok Relazzjoni Tajba Ma' Alla?

Meta tistaqsi lil xi ħadd għaliex ma jattendiex għall-quddies, tirċievi diversi risposti. Min minħabba x-xogħol; min minħabba traskuraġni; min minħabba mard; min minħabba l-fatt li wliedu ċkejknin wisq u ma joqogħdux kwieti; min għax jiddejjaq; min għax ma jridx min jobbligah li jagħmel dan; min minħabba xi esperjenza f'ħajtu li begħditu minn Alla; min għax iħoss li kien qiegħed imur għalxejn; min għax ma jistax għaliha li ħafna li jmorru l-knisja jkollhom ħafna għal xulxin. U min għax iħoss ġenwinament li ma għandux bżonn li jmur il-quddies biex jgħix ħajja tajba, eċċ.., eċċ...

Kull risposta, wieħed jista' jagħti tweġiba għaliha, u ħafna drabi min hu ġenwin u sinċier miegħu nnifsu jirrealizza li, fl-aħħar mill-aħħar, mhux qiegħed jagħmel sew li ma jiġix għall-quddies. Tieħu gost li, wara kelma tajba bejn tnejn, dak li jkun jikkonvinċi lilu nnifsu li, dak li Alla jixtieq minna, hu ta' ġid għalina, u jwiegħdek li jagħmel ħiltu biex jerġa' jibda jiġi għall-quddies.

Xi ġranet ilu kelli diskussjoini ma tfajla li ommha qatgħet qalbha timbottaha biex tmur sal-quddies, għax din bintha tħoss b'konvinzjoni li ma għandhiex bżonn tmur il-knisja, tipparteċipa fil-quddies biex ilkollha relazzjoni tajba ma' Alla.

Jidher li dan ir-raġunament m'huwiex każ iżolat ta' ħsieb. Jidher li n-numru ta' dawk li jirraġunaw b'dan il-mod qiegħed jiżdied.

Lil dawk li jirraġunaw hekk, nixtieq nagħmlilhom żewġ mistoqsijiet:

1. Jekk qiegħed tallega li għandek relazzjoni tajba ma' Alla, ...meta kienet l-aħħar darba li ftaħt l-Iskrittura u tlabt permezz tagħha?
2. Kemm temmen f'Ġesù u f'diskorsU, b'mod speċjali meta jitkellem fuq l-Ewkaristija?

Jien nemmen b'konvinzjoni li, jekk tibda taqa' lura fil-parteċipazzjoni tal-quddies, ir-relazzjoni tiegħek ma' Alla taqa' lura, u taqa' lura sew! Min, minna, inqallbu l-paġni ta' l-Evanġelju kuljum biex nisimgħu dak li Alla jixtieq minna? B'konsegwenza li nirriduċi r-relazzjoni tagħna ma' Alla f'monologu (*one Way*). Ngħidlu dak li għandi ngħidlu, peró ma rridx nisma'; jew irrid nisma' biss lili innifsi! U, minflok inkun qiegħed nitlob, nispiċċa nitkellem miegħi nnifsi u, maż-żmien, nibda' ngħix dak li l-Papa Benedittu jiddeskrivih bħala r-relattiviżmu ta' żmienna jew il-fidi tas-*supermarket* (naħgżel dak li jogħġobni biss!).

Aħna bnedmin ta' drawwa! Quddiesa kuljum jew kull nhar ta' Ħadd hi ta' ġid għalina biex inżommu ħajja r-relazzjoni li għandna ma' Alla b'mod kostanti. ...Aqta' l-quddies... u ftit ftit tirrealizza li anke l-Fidi tiegħek bdiet tidbiel!... Jalla ż-żmien ma jagħtinix raġun!!

Il-Mulej ibierkek!
*Fr. Daniel Cardona, Arċipriet.*

# Id-DOMMA ta' l-ASSUNTA (il-VERĠNI MQADDSA MTELLGĦA S-SEMA)



*Il-PAPA PIJU XII (1939-1958): IL-PAPA TA' "L-ASSUNTA"!*

- Fl-ewwel żminijiet tal-Knisja, l-insara kienu jinġabru f'Ġerusalemm, fil-post fejn, skond it-tradizzjoni, Omm Alla għaddiet għas-sema fil-15 ta' Awissu, biex iroddu ħajr lil Alla għall-mogħdija mid-dinja għall-ġenna, tal-Verġni Marija – ċelebrazzjoni li, għalhekk, saret magħrufa bħala t-tifkira tat-*Transitus* jew tad-*Dormitio* tal-Verġni Marija. Dan jidher li kien isir saħansitra qabel il-Konċilju ta' Efesu tas-sena 431.
- Fis-seklu 7, l-Imperaur Ruman Mawrizju (+ 602) ħareġ digriet biex dil-Festa tkun iċċelebrata kullimkien fl-Imperu Ruman.
- Il-Papa Serġju I (687-701) ordna li, fil-15 ta' Awissu, tibda ssir purċissjoni solenni għall-bażilika ta' *Santa Maria Maggiore*, f'Ruma.
- Għall-ewwel, f'Ruma l-festa kienet magħrufa bl-isem ta' *Natale S. Mariae* (it-Twelid ta' S. Marija), iżda mbagħad bidet tissejjaħ *In Assumptione S. Mariae* (fl-Assunzjoni ta' S. Marija) jew *Assumptio S. Mariae* (l-Assunzjoni ta' S. Marija).
- L-ewwel xhieda tat-twemmin tal-poplu nisrani fit-Tlugħ tal-Verġni Marija fis-Sema bla ma rat it-taħsir tal-qabar, insibuha fl-apokrifu *Evangelium Ioannis* jew *Transitus Mariae Virginis*.
- **Fl-1 ta' Novembru 1950, il-Papa Piju XII, fl-Ittra Appostolika tiegħu *Munifecintissimus Deus*, ipproklama t-TLUGĦ FIS-SEMA TAL-VERĠNI MARIJA BIR-RUĦ U BIL-ĠISEM bħala DOMMA TAL-FIDI .**

## Fil-QUDDIESA tiltaqa' PERSONALMENT ma' BIN MARIJA!

TOYOTA
THE QUALITY EXPERIENCE

**Stefan's Bakery**
**(Forn ta' Ħal Muxi)**
**32, Misraħ Ħal Muxi, Ħaż-Żebbuġ**

*Għall-aqwa ħobż Malti, ftajjar, bziezen, pasti, eċċ...*

*Nagħmlu wkoll xiwi ta' dixxijiet, inklużi majjali sħaħ!*

*Miftuħ mit-Tnejn sas-Sibt, sas-1.30pm.*
*Jew ċempel: 99403755*

ACCOUNTS PRIVATE TUITION
- 'O' LEVEL
- INTERMEDIATE LEVEL
- 'A' LEVEL



INDIVIDUAL ATTENTION
SMALL GROUPS
COURSE NOTES PROVIDED

F. Cassar B. Accty (Hons.), AIA

Mob No: 79092845 E-mail: rassacf@onvol.net

ZENDEN BOUTIQUE

**Triq il-Kandlora, Ħaż-Żebbuġ**
(wara l-bandli ta' "tal-Grazzja" u kantuniera ma' Triq Ħal Dwin)

Ħwejjeġ tat-Tfal, Irġiel u Nisa ta' Kull Età!

*Underwear*, Fwieħa, Malji, eċċ…

**Tel: 2745 2097**

# Il-Festa Ta' SANTA MARIJA F'Ħal Muxi



**Ċelebrazzjonijiet Liturġiċi**

**It-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa 11,12 u 13 t'Awwissu 2008: *Jiem tat-Tridu*:**
**7.00pm.** Rużarju
**7.30pm.** Quddiesa bil-kant u bl-omelija. Iċ-Ċelebrant: Fr Stefan Attard.

**L-Erbgħa, 13 t'Awissu 2008:**
**5.30pm.** Quddiesa għat-tfal. Jingħata ġelat lit-tfal wara l-quddiesa.

**Il-Ħamis, 14 t'Awissu 2008:**
**6.45am.** Quddiesa Letta.
**7.30pm.** Quddiesa fil-pjazza minn Dun Glen Buhagiar. Waqt il-quddiesa ssir il-ġabra li nagħmlu kull sena b'riżq id-Dar tal-Providenza.

**Il-Ġimgħa, 15 t'Awissu 2008: *Jum il-Festa*:**
**7.00am.** Quddiesa mill-Wisq Rev. Mons. Joe Bugeja.
**8.30am.** Quddiesa li fiha ssir il-preżentazzjoni tat-trabi.
**7.00pm.** Rużarju fil-pjazza.
**7.30pm.** Quddiesa mill-Wisq Rev. Arċipriet, Fr. Daniel Cardona.

**Attivitajiet ta' barra:**
**Il-Ġimgħa, 8 t'Awissu, fit 8.30pm.**, *Barbeque* quddiem il-kappella.
**Il-Ħadd, 10 t'Awissu, fit 8.00pm.**, *Pizza Party* bit-tombla.
**Il-Ħamis 14 u l-Ġimgħa 15 t'Awissu:** Wara l-quddiesa jkun hemm serata ta' divertiment.

**Il-Liturġija tal-Kelma fil-QUDDIESA tqarrbek u tħabbek ma' MARIJA!**

**FUNERAL SERVICES**
JOHN SPITERI
*(TAX-XEMA')*
*155,*
*Triq L-Isqof Caruana,*
*Ħaz-Żebbug*
*(Biswit Il-Kunsill Lokali)*
*Servizz tal-kor, BLA ĦLAS!*
*Tel: 2146 4286*
*(matul il-jum)*
*Mob: 7946 4286*
*(24 siegħa)*

**ZEBBUG STATIONERS & NEWSAGENTS**
Sciortino Street, Zebbug.
FOR
All types of stationery, fancy stationery, pencil cases, school bags: High School Musical, Seven, Kappa, Ben Ten, Dora, Winx & much more..., drawing boards: Faber Castel & Staedtler, drawing instruments; we accept book lists, school books, colour photocopying, a large selection of greeting cards, toys, gifts, newspapers, developing & printing of films, digital printing & more... .
Sundays open half day.
**Tel: 21 466076; 21 462545.**

# *Fil-Parroċċa Tagħna...*

## *— minn JANNAR sa ĠUNJU 2008*



**Irċevew is-SAGRAMENT TAL-MAGĦMUDIJA:**

Mark Junior Bugeja; Denzil Muscat; Shanesia Azzopardi; Zach Seguna; Kayden Bonello; Abby Dimech; Abigail Camilleri; Miguel Attard; Maya Attard; Benjamin Crockford; Jesmar Cauchi; Jamie Brincat; Ardan Farrugia; Cora Valastro; Kadia Mallia; Elenya Cachia; Krista Spiteri; Eliza Farrugia; Katriona D'Amato; Aisha Cherise Ghalbi; Dejean Bonnici; Miriah Bonnici; Marija Mifsud; Aliya Dimech; Laura Fenech; Jamie Busuttil; Kaya Xuereb; Miguel Buhagiar; Luca Agius; Faye Galea; Mathias Saliba; Julia Camilleri; Shaun Gaffarena; Mirelle Sammut; Michele Ellul; Amy Caruana; Krista Marie Balzan; May Kathleen Cassar; Celine Agius; Liam Agius; Waylon Mifsud; Shanaia Diacono; Isaac Ellul; Dejan Magri.

***Nilqgħuhom fil-Komunità Tagħna!***



**Ingħaqdu fis-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ:**

Malcolm Dimech u Daniela Camilleri; James Formosa u Sylvana Muscat; Charles Debono u Charlene Pace; Peter Falzon u Dorianne Mallia; Adolf Mangion u Olympia Ambinitte; Malcolm Saliba u Maria Psaila; Kevin Bugeja u Maria D'Anastasi; Fabrizio Gatt u Marvic Connie Farrugia; Quintin Zammit u Rachel Dorianne Bartolo; John Attard u Antonella Debono; Roderick Vella u Melanie Borg; Terrence Cuschieri u Roberta Scerri.

***Nawgurawlhom!***



**Għaddew għall-ĦAJJA TA' DEJJEM:**

Joseph Giordmaina; John Mifsud; Josephine Gatt; Josephine Grech Cortis; George Borg; Mary Buhagiar; Pauline Zammit; Filippa Axiaq; Paul Borg; Baskal Brincat; Giuseppi Scicluna; Carmela Farrugia; Joseph Grech; Antonia Mifsud; Maria Cilia; M'Assunta Mallia; Andrea Zammit; M'Carmela Galea; Alfred Bonnici; Oliver Conti; Carmel Tanti; Emanuela Pace; Concetta Agius; Herman Bugeja; Gaetano Agius; Philippa Kottaras; Josephine Ciantar; Giorgina Attard; Gabriel Agius (tifel żgħir); Salvu Camilleri; Raymond Agius; Antonia Camilleri; Philip Sciriha; John Borg; Charles Stephen Debono; Carmela Chircop; Josephine Gatt; Philip Azzopardi; Elizabeth Cauchi; Carmel Attard; Saviour Farrugia; Giovanna Gatt; Philip Debono; Saviour Bezzina; Alfred Vella; Theresa Bonanno; Paul Zammit; Salvina Caruana; M'Anne Attard; ir-Rev'du Dun Salv Caruana.

***Agħtihom, O Mulej, il-Ħena ta' Dejjem!***




**TWANNY SPITERI U WENZU PSAILA**

**Funeral Service**

***24 Hour Service***

4, 'Shalom',
Triq il-Watar,
Ħal Mula, Ħaż-Żebbuġ.
**Servizz tal-Kor**
**BLA ĦLAS**
Day/Night
Tel: 2146 0950
Office: 2147 2219
Mob: 9947 1168, 9923 5092